**11 ta' Jannar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Brian Valenzia bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Arva Insurance Agency Limited u din in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited kif issurrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħhom, Carmelo Vella a bażi tal-polza ta' *assigurazzjoni u tal-liġi u l-istess Carmelo Vella*

*versus*

Saviour Azzopardi

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*F'materja ta' responsabbilita` għal inċidenti stradali, l-insenjament dottrinali minn dejjem kien illi l-ġudikant għandu f'kull każ ifittex biex jidentifika u jistabbilixxi liema kienet il-kawża prossima u immedjata tas-sinistru.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża l-attur, Brian Valenzia, fil-kwalita` tiegħu ta' direttur tad-ditta assiguratriċi ta' l-attur l-ieħor Carmelo Vella u l-istess Carmelo Vella qed jitlob dikjarazzjoni illi l-konvenut kien unikament responsabli għall-inċident stradali li ġara fid-9 ta' Ġunju, 1994, f'Ħal Tarxien. F'dan l-inċident bejn vettura misjuqa mill-konvenut u oħra misjuqa mill-attur Vella ġew ikkaġonati danni ammontanti għal Lm174.11. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba u jeċċepixxi li l-attur Vella kien unikament responsabbli għall-inċident u għalhekk m'għandux ibati danni;

Fis-sentenza appellata l-fatti ġew hekk deskritti:

"Din il-kawża tirrigwarda inċident stradali li ġara fid-disgħa ta' Ġunju, 1994 fis-7.10 a.m. f'Tal-Barrani, Ħal Tarxien bejn il-karozza K-9708 misjuqa mill-assigurat ta' l-attur Carmelo Vella u l-karozza F-1406 misjuqa mill-konvenut. L-inċident ġara fuq *centre-strip* waqt li Vella pprova jdur miegħu sabiex imur lura lejn St. Luċija;

Vella xehed li ftit qabel l-inċident hu waqaf jieħu l-*petrol* minn pompa li hemm 'il fuq mis-*centre strip*. Il-konvenut kien xi żewġ karozzi warajh u meta Vella lesta ħares għat-triq u qagħad fuq in-naħa tax-xellug. Wara ftit xegħel l-*indicator* u biddel il-*lane* għal dak ta' barra u baqa' bl-*indicator* mixgħul peress li ried idur mas-*centre-strip* għal fuq il-lemin u jiġbed għad-direzzjoni ta' St. Luċija. *Din kienet tirrikjedi manuvra ta' mija u tmenin grad.* Meta Vella ġie fuq il-fetħa waqaf b'mod angolat u ġibed il-*hand brake* peress li kien ġej ħafna traffiku minn Bir-id-Deheb u kellu jistenna għal xi żmien sakemm jgħaddi dan it-traffiku. Sadanittant laħaq ħareġ il-konvenut mill-pompa u mar mill-ewwel fuq il-karreġġata ta' barra u sab lil Vella ma' wiċċu u sar l-inċident. Bid-daqqa l-karozza ta' Vella ġiet imdawwra b'mod li ġiet disgħin grad mas-*centre strip* kif jidher fl-*iskeċċ*.

Il-konvenut min-naħa l-oħra jgħid li wara li ħa l-*petrol* mar mill-ewwel fuq il-karreġġata ta' barra peress li ried imur għad-dritt lejn Bir-id-Deheb. *Fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u mtarraġ fuq* quddiem kien hemm *truck* u quddiem dan it-*truck* kien hemm il-karozza ta' Vella. F'daqqa waħda jara lil Vella jiġbed lejn il-lemin u waqaflu eżatt quddiemu b'mod li ostakolalu l-karreġġata. Il-konvenut għafas il-*brake* iżda kien għal xejn u baqa' dieħel fuq il-*mudguard* ta' wara tal-lemin tal-karozza ta' Vella";

Il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom. Dana fuq il-konsiderazzjonijiet li hu utili li jiġu hawn riportati:

"Meħuda in konsiderazzjoni dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti ssib ħafna x'tiċċensura fis-sewqan ta' Vella. Għad li kien awtorizzat idur mas-*centre strip* dana ma qagħadx iqis il-

perikolosita` ta' tali manuvra dak il-ħin tal-ġurnata fejn din it-Triq tal-Barrani tkun frekwentata aktar mis-soltu b'nies sejrin għax-xogħol u allura messu jissoponi li kien ser ikollu jieqaf għal żmien mhux ħażin sakemm jgħaddu l-karozzi neżlin minn Bir id-Deheb u sadanittant kien ser ikun ta' ostakolu għall-veteturi li hemm qed jużaw il-karreġġata ta' barra fid-direzzjoni ta' Bir-id-Deheb;

Vella xehed li qabel ma biddel karreġġata xegħel l-*indicator* u meta ġie fil-fetħa waqaf, ġibed il-*hand brake* u għafas il-*foot brake* sabiex jixegħlu d-dwal ta' wara. Evidentement Vella biddel karreġġati ferm aktar viċin is-*centre strip* milli qal u ma kienx ta' xejn illi ħasad lill-konvenut, iżda l-akbar nuqqas tiegħu kien meta waqaf fuq is-*centre strip* b'mod li ostakola l-liberu passaġġ ta' vetturi li kienu qed jużaw il-karreġġata ta' barra. Vella ssopona li kien ser idum wieqaf għal xi żmien tant li ġibed il-*hand brake* u hawn qiegħed in-nuqqas tiegħu peress li, tenut kont il-volum qawwi ta' traffiku kien ikun aktar preċedenti għalih li jibqa' sejjer sa Bir-id-Deheb u jdur mar-*roundabout* li hemm f'dawk l-inħawi;

Il-Qorti tirrileva li t-toroq tagħna huma ġa` ffullati mhux ħażin, ser ikunu aktar iffullati u f'*peak periods* ser ikunu kważi impossibbli. Dan ifisser li sewwieq irid jadotta s-ewqan tiegħu skond dawn iċ-ċirkostanzi u jekk il-prudenza tiddetta ċaħda ta' xi dritt favur *re-routing* aktar sikura allura hija din l-aħħar għażla li għandha tieħu preċedenza favur il-perikolożita` inerenti ta' l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Kif ġa` ngħad, Vella kellu dritt idur mas-*centre strip* iżda, fiċ-ċirkostanzi tat-traffiku eżistenti dak il-ħin, din il-manuvra kienet waħda ferm perikoluża u mhux mingħajr ir-riskji tagħha. L-ewwel kompitu ta' kull sewwieq prudenti huwa li jimminimizza r-riskju u mhux jidħol fihom għax hekk għandu dritt. Wieħed irid jiftakar li d-drittijiet fis-sewqan huma relattivi u relatati ma' dawk ta' sewwieqa

oħra. Id-dritt tal-konvenut li jibqa' sejjer fi triqtu kien superjuri għal dak ta' Vella li jdur mas-*centre strip* meta dan kien f'posizzjoni li jissoponi l-perikolożita' ta' l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Il-Qorti għalhekk jidhrilha li l-assikurat ta' l-attur ma kienx prudenti meta għażel li jdur mas-*centre strip* fiċ-ċirkostanzi tat-traffiku li kienu jeżistu dak il-ħin u kien hu l-kawża prossima ta' dan l-inċident";

Il-Qorti qieset sewwa l-provi prodotti u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħad it-talbiet ta' l-atturi *nomine* billi taddebita l-ħtija kollha għas-sinistru lill-attur Vella u ssib li ma tistax tikkondividi l-konklużjoni li waslet għaliha s-sentenza appellata. Fl-apprezzament tal-fatti li jirriżultaw, il-Qorti trid dejjem tkun iggwidata bir-regolamenti li s-sewwieqa huma tenuti li josservaw fis-sewqan u mhux b'dak li hi taħseb li jkun għaqli jew prudenti. Is-sewqan ma jiġix ċensurat fuq bażi suġġettiva tal-ġudikant imma fuq il-kriterji oġġettivi stabbiliti mir-regolamenti. Jiġifieri n-nuqqas ta' prudenza li twassal għal responsabbilita' sħiħa jew kontributorja trid bilfors issib l-oriġini u l-għeruq tagħha fin-non-osservanza tar-regolamenti li sewwieq għandu bil-liġi josserva. F' dan il-kuntest mhux sostenibbli r-raġunament ta' l-Ewwel Qorti li "id-dritt tal-konvenut li jibqa' sejjer fi triqtu kien superjuri għal dak ta' l-(attur) Vella li jdur mas-*centre strip* meta dan kien f'posizzjoni li jissoponi (*sic*) il-perikolożita' ta' dan id-dritt". Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, argumentazzjoni ta' din ix-xorta mhux biss hi legalment insostenibbli, imma ukoll twassal għall-anarkija fis-sewqan għax jirrendi li jkun sewwieq l-arbitru biex jiddeċidi, fil-fehma tiegħu, kemm ireġi d-dritt li jidhirlu li għandu fuq u in relazzjoni mad-dritt ta' sewwieqa oħra. Bil-Qorti mbagħad tkun mitluba tarbitra fuq dak li "jidhrilha" (*ipsis verbis*) li kellu jagħmel jew ma jagħmilx *driver* fiċ-ċirkostanza determinata flok fuq dak li kien obbligat li jagħmel jew ma jagħmilx. Hu ovvju li

manuvra tista' tkun perikoluża u allura d-*driver* hu obbligat li jew ma jagħmilhiex, jekk ikun ivvjetat lilu li jagħmilha, jew, jekk ikun lilu permess li jagħmilha, jesegwiha wara li jieħu d-debiti prekawzjonijiet skond ir-regolamenti. Imma jekk fit-tieni alternattiva, hu josserva sewwa r-regolamenti, ħadd ma jista' jlumu li użufruwixxa mid-dritt tiegħu li jesegwixxi tali manuvra. Il-fatt biss li dina tkun timporta sewqan ta' ċertu perikolożita` bl-ebda mod ma jgħabbih *a priori* bir-responsabbilita` għas-sinistru u wisq anqas jeżimi mir-responsabbilita` lid-*driver* l-ieħor li ma jkunx qed josserva r-regolamenti tat-traffiku anke jekk ma jkunx qed jagħmel xi manuvra perikoluża;

Hu għalhekk li f'materja ta' responsabblita` għal inċidenti stradali, l-insenjament dottrinali minn dejjem kien illi l-ġudikant għandu f'kull każ ifittex biex jidentifika u jistabbilixxi liema kienet il-kawża prossima u immedjata tas-sinistru. Hu dan l-eżerċizzju essenzjali li l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel fil-każ in eżami. Ġiet għal kollox żvijata bl-opinjoni illi l-attur kien messu, fiċ-ċirkostanzi, iddeċieda li jdur lejn Santa Luċija minn punt aktar ' il fuq mit-triq u mhux mill-fetħa fis-*centre strip* mnejn ried u fil-fatt ipprova jgħaddi. Punt mnejn hu paċifiku kellu d-dritt, bir-regolamenti, li jgħaddi;

Għandu għalhekk jiġi stabbilit x'ipprovoka s-sinistru. Il-provi fil-kawża dwar ir-responsabbilita` huma limitati għall-versjonijiet tas-sewwieqa u l-iskizz ippreparat mis-Surġent li investiga l-każ flimkien mal-kontijiet tat-tiswija taż-żewġ vetturi. Minn dawn il-provi jemerġu diversi elementi ta' fatt determinanti għar-responsabbilita` li għandhom iwasslu għall-konvinċiment li l-konvenut għandu jiġi ritenut unikament responsabbli għall-inċident u dana kuntrarjament għal dak li waslet għalih l-Ewwel Qorti;

Din il-Qorti hekk tikkunsidra:

Hu stabbilit li, kemm il-karozza ta' Vella, kemm dik tal-konvenut kienu oriġinarjament qed jiġu misjuqa fl-istess direzzjoni lejn Birżebbuġa u t-tnejn daħlu jieħdu l-*petrol* mill-istess pompa. L-ewwel daħal Vella u warajh il-konvenut;

Meta ħa l-*petrol*, l-attur Vella immedjatament ħareġ għal fuq l-*outer lane* biex jieħu postu aktar 'l isfel biex idur kontra lejn Santa Luċija minn fetħa li hemm fis-*centre strip*. Fil-fatt laħaq dik il-fetħa, għamel l-*indicator* li kien ser idur lejn il-lemin, ħa postu fil-fetħa u waqaf zoptu biex jistenna t-traffiku tiela' mill-karreġġata opposta sejjer lejn Santa Luċija;

F'din il-versjoni hu kkontrastat mill-konvenut li waqt li jaqbel li hu ukoll kien qed jieħu l-*petrol* mill-istess pompa fejn ħa Vella jixhed b'mod konfuż u xejn konvinċenti kif ġara l-inċident. Jgħid li l-ewwel darba li ra l-karozza ta' Vella kien meta din kienet qed taqsam mill-*inner* għall-*outer lane* quddiemu f'distanza ravviċinata ħafna. Pero', meta wieħed iqis li d-distanza bejn il-pompa tal-*petrol* u fejn ġara l-inċident hi waħda relattivament qasira u b'viżwali libera bejn iż-żewġ punti tagħha, bilfors wieħed jasal għall-konklużjoni, mhux biss li l-konvenut kien qed jieħu l-*petrol* immedjatament wara l-attur Vella, imma ukoll li l-istess konvenut seta' jsegwi l-movimenti ta' dan l-aħħar kieku kien qiegħed attent għal dak li kien qiegħed jiġri fit-triq;

Sewwa li tiġi ċċitata parti mix-xhieda tal-konvenut għaliex waħedha turi, mhux biss kemm mhix attendibbli, imma ukoll illi hu ma kienx qed iżomm *a proper look-out* għal dak li kien qed jiġri quddiemu. "Meta ħriġt mill-*istation* mort fuq l-*outer lane* mill-

ewwel. Meta ħriġt mill-*petrol station* l-unika karozza li jiena rajt fil-viċinanzi kien *truck*, li kien qed isuq fl-aħħar tax-xellug tat-triq. Kien qiegħed fl-*inner lane*, bejn wieħed u ieħor tletin metru aktar 'l isfel minni. Quddiemi fil-*lane* tiegħi ma kien hemm ħadd. Wara ftit ilħaqt it-*truck* u qbiżtu. Kif qbiżt it-*truck* nara l-karozza Fiat, illi kellha l-*inidcator* mixgħul li jindika li kien sejjer idur fuq il-lemin u dan kien qiegħed mas-*centre strip* biex idur fuq il-lemin u jmur lejn Santa Luċija. Meta rajt din il-Fiat l-ewwel darba kienet qed taqsam mil-*lane* għall-ieħor. Kif rajt din il-Fiat quddiemi jiena għafast il-*brake*. Dan għaliex l-istess Vella mblukkali t-triq". Il-konvenut imbagħad stranament iżid jgħid. "Dan ma kompliex idur mas-*centre strip* biex jibqa' sejjer lejn Santa Luċija, iżda minflok waqaf u ġie eżatt quddiemi. Innutajt li min-naħa l-oħra, mid-direzzjoni ta' Bir-id-Deheb kien ġej traffiku fid-direzzjoni ta' Santa Luċija";

Jiġi nnotat li:

Mhux spjegabbli kif il-konvenut ma rax il-vettura ta' Vella jekk verament din kienet fl-*inner lane* meta hu kien fl-*outer lane*. Dijagolament seta' żgur jara fit-tul anke jekk u kieku kien hemm it-*truck* fuq ix-xellug tiegħu;

Il-konvenut jikkorrobora lil Vella li xegħel l-*indicator* biex jissenjala l-ħsieb tiegħu li kien ser idur lejn Santa Luċija. Interessanti li l-konvenut jgħid li hu fehem li l-attur Vella kien verament ser jagħmel din il-manuvra u mhux sempliċement ser jibdel il-*lane* u jibqa' miexi fid-dritt;

Li l-*indicator* kien qed jixgħel meta l-attur Vella kien diġa' mas-*centre strip*. Kien allura diġa' qasam minn *lane* għall-ieħor;

Il-konvenut jikkonferma ukoll li fil-mument ta' l-impatt Vella kien waqaf quddiemu u li kien hekk wieqaf għax kien ġej traffiku fil-*lane* li tiegħu vetturi fid-direzzjoni opposta lejn Santa Luċija. F'dan ukoll jikkorrobora lil Vella;

Stabbilit li tul il-manuvra kollha l-attur Vella kien *ex admissis* dejjem quddiem il-konvenut, tiġi kkreata sitwazzjoni fejn il-konvenut hu preżunt *juris tantum* li hu responsabbli għas-sinistru fis-sens li jkun jispetta lilu li jipprova n-negliġenza tad-*driver* l-ieħor quddiemu. Dan il-konvenut naqas li jagħmlu. Fl-aħjar ipotesi għalih hemm stat ta' inċertezza assoluta fil-provi limitati kif ingħad għall-versjonijiet kontrastati tas-sewwieqa;

Di piu` l-unika prova ċirkostanzjali fl-atti timmilita b'mod determinanti kontra l-konvenut. Infatti hu ċar illi kieku kellha tiġi aċċettata l-versjoni tiegħu u jiġi premess li l-inċident ġara kif iddeskrivih hu, neċessarjament id-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur Vella kienet tkun fuq xi parti mill-ġenb tal-lemin tiegħu. Għall-kuntrarju jirriżulta ppruvat mill-kontijiet esebiti u minn provi oħra illi d-daqqa fuq il-karozza ta' l-attur Vella kienet fuq in-naħa ta' wara fuq il-lemin u dan bil-quddiem tal-karozza tal-konvenut. Il-versjoni ta' l-attur Vella tirriżulta allura li hi aktar attendibbli u kredibbli u l-konvenut ma mexxilux jipprova li dan kien negliġenti jew imprudenti fis-sewqan tiegħu jew li b'xi mod ipprovoka jew ikkontribwixxa għas-sinistru;

*Il-kawża prossima u immedjata ta' l-inċident hu allura l-fatt li* l-konvenut naqas li jżomm *a proper look-out* għat-traffiku li kien hemm quddiemu. L-appell jistħoqqlu li jiġi milqugħ in kwantu l-Qorti ma tistax taċċetta, bħala legalment valida, il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-kawża prossima ta' l-inċident hi l-fatt "li l-

assigurat ta' l-attur ma kienx prudenti meta għażel li jdur mas-*centre strip* fiċ-ċirkostanzi tat-traffiku li kienu jeżistu dak il-ħin";

Ma tirriżulta l-ebda kontestazzjoni mill-konvenut dwar il-*quantum* tad-danni rreklamati mill-attur. L-ammont ta' danni, kif indikati fl-avviż, hu ta' Lm174.14. Minn dan l-attur Carmelo Vella jrid jagħmel tajjeb għall-eċċess ammontanti għal Lm25. Dan l-aħħar ammont hu allura dovut lill-attur Vella, waqt li l-bilanċ ta' Lm149.14 hu dovut lil Brian Valenzia *nomine* kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tiegħu. Billi l-attur Vella ma appellax, il-konvenut ma jistax jiġi kkundannat li jħallas l-ammont ta' danni minnu sofferti billi s-sentenza appellata tat-30 ta' Lulju, 1995 għaddiet in ġudikat u tagħmel stat fil-konfront tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-appell ta' Brian Valenzia *nomine* u tirrevoka s-sentenza appellata, konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu jirrigwardaw lil Brian Valenzia *nomine* u tiddikjara illi l-inċident stradali, meritu tal-kawża, ġara unikament ħtija tal-konvenut. Tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont komplessiv ta' Lm174.14 li minnu l-ammont ta' Lm149.14 hu dovut lid-ditta assiguratriċi attriċi kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Carmelo Vella kemm bil-liġi kif ukoll bil-polza ta' assigurazzjoni. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur Valenzia *nomine* din is-somma li qed tiġi hekk illikwidata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut. Jiddekorru l-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-avviż lill-konvenut sad-data ta' l-effettiv pagament.